# Knejjes u Kappelli Ddedikati lill-Immakulata Kunċizzjoni

F'dan l-artiklu se nagħti ħarsa lejn uħud mill-Knejjes, Kappelli u Santwarji li huma ddedikati lil Marija Immakulata. Bla dubju kulħadd jaf kemm hija kbira d-devozzjoni tal-Maltin lejn il-Madonna u dan jixhduh in-numru kbir ta' Knejjes u Kappelli li huma ddedikati lil Marija Immakulata. Dawn is-santwarji servew sabiex id-devozzjoni u l-kult Marjan f'pajjiżna kompla dejjem kiber mal-medda tas-snin u saħansitra fost dawn is-santwarji nsibu tnejn li huma wkoll Parroċċi. Dawn huma il-Knisja Parrokkjali ta' l-Immakulata Kunċizzjoni tal-Ħamrun l-Knisja Parrokkjali Kolleġġjata ta' Bormla. Imbagħad nsibu numru ta' kappelli u knejjes żgħar imxerrda madwar il-gżejjer tagħna.

### Il-Knisja tal-Kunċizzjoni, San Ġiljan

Din il-Knisja tinsab ftit il-bogħod mill-bajja ta' Spinola. Il-Knisja ġiet imwaqqfa mill-Balliju Fra Paolo Rafel Spinola u kienet tifforma parti mill-Abbazija ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Spinola għażel din il-bajja sabiex jibni l-palazz tiegħu u billi hu kien nisrani tajjeb, ħdejn il-Palazz bena knisja għalih u għan-nies ta' madwar. L-ewwel ġebla ta' din il-knisja tpoġġiet nhar is-16 ta' Ġunju 1687, filwaqt li t-tberik sar nhar l-10 ta' Settembru 1688, mill-Gran Prijur Fra Pierre Viany.



Il-Faċċata tal-Knisja kienet waħda sempliċi. Kellha bieb wieħed fin-nofs u tieqa fuq kull naħa. Fuq il-Faċċata kien hemm salib, filwaqt li fuq in-naħa ta' wara kien hemm kampnar żgħir li kellu qanpiena. Bħala tifkira ta' min bena din il-Knisja, fuq l-arkata ta' l-altar kienet ġiet impittra l-arma tal-Familja Spinola u twaħħlet ukoll lapida bi skrizzjoni bil-latin li tgħid:

IMMACULATAE CONCEPTIONI
SACRATISSIMAE VIRGINIS DICATUM
A MAGNO INSURBIAE
PRIORE SPINOLA ANNO 1688

Din il-Knisja ma fiha xejn aktar minn dawk il-kappelli li nsibu fil-kampanja Maltija. Is-saqaf hu mibni fuq sistema tan-nofs tond u l-uniku altar li nsibu fiha hu fuq stil barokk b'żewġ kolonni kull naħa. Bejnhom hemm il-kwadru Titulari. Dan il-kwadru juri lill-Missier Alla jħares lil Marija Immakulata mid-demonju li qiegħed taħt riġlejha. Din il-pittura hi x'aktarx xogħol ta' Filippo Venuti u tpinġiet lejn l-aħħar tas-seklu dsatax. Kwadri oħra li nsibu f'din il-Knisja huma ritratt tal-Prijur ta' Spinola u ieħor ta' l-isqof Portelli. Hemm Kwadru tal-Madonna tar-Rużarju u ieħor tal-martri San Speditu.

Fl-1914, il-Kappella ġiet imkabbra u għalhekk il-faċċata saret mill-ġdid. Dan ix-xogħol sar fuq ix-xewqa ta' l-Isqof Awżiljarju Patri Angelo Portelli O.P. Sabiex jitfakkar dan ix-xogħol, fuq il-faċċata twaħħlet skrizzjoni bil-Latin minquxa fl-irħam.

— Jissokta f'paġna 14 —

AQUATICA PET SHOP
Prop: G. & M. Mugliett

IMPORTERS OF
TROPICAL FISH/BIRDS

FOR ALL YOUR PETS' NEEDS
120, Old Railway Track,
St. Venera
Tel: 250594

NUOVO BAGNO
IMPORTERS OF SANITARY
WARE & CERAMIC TILES
22, Old Railway Track,
St. Venera - Malta
Tel: 246544

## Kappelli u Knejjes ddedikati lill-Immakulata Kunċizzjoni

— minn paġna 12 —

### Il-Kappella tal-Kunċizzjoni f' Ta' Qali

L-Ewwel Kappella lil Marija Immakulata kienet inbniet bi flus Bartolomeo Busuttil fl-1658, sabiex



tkun tista' tintuża minnu u mill-bdiewa li kienu jgħixu fil-qrib. Matul it-tieni gwerra dinjija din il-kappella kienet ġiet milquta u mġarrfa bil-bombi ta' l-għadu. Dan għaliex hi tinsab biss ftit il-bogħod mill-mitjar ta' Ta' Qali. Il-ġebel li kienet mibnija bih din il-kappella tneħħa mill-militar. Bih inbnew ħitan sabiex iservi bħala lqugħ għall-ajruplani Ingliżi kif ukoll biex jissewwa l-mitjar. Waqt it-tneħħija tal-ġebel u t-terrapien, taħt l-altar instab qabar qadim.

Il-kappella reġgħet ibniet malli ntemmet il-gwerra, sabiex tintuża għall-quddies u għat-talb, min-nies li kienu jgħixu fil-qrib. Fil-faċċata ta' din il-kappella hemm bieb wieħed fin-nofs u fuqu hemm tieqa tonda. Quddiemha hemm zuntier żgħir im-dawwar b'ċint baxx tal-ġebel. Fuq il-bejt inbena kampnar żgħir mingħajr qanpiena.

Il-kwadru titulari hu ddedikat lill-Immakulata Kunċizzjoni, iżda minbarra l-figura tal-Madonna fil-kwadru nsibu ukoll il-figuri tal-Missier Alla, ta' San Ġużepp u ta' Santa Katerina ta' Lixandra, kif ukoll ix-xbieha ta' San Bartilmew. Ċertament San Bartilmew jinsab fil-kwadru minħabba l-fatt li l-benefattur ta' din il-kappella kien Bartolomeo Busuttil

### Il-Knisja Parrokkjali Kolleġġjata ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, Bormla.

Il-Knisja Kolleġġjata ta' Bormla saret parroċċa fl-1584. L-Ewwel Kappillan ta' din il-Knisja kien Dun Mikiel Cap. mis-Siġġiewi. Iżda sa minn snin qabel l-inħawi ta' Bormla diġa' kienu jeżistu għadd ta' djar li kienu jiffurmaw komunita' bi Knisja ddedikata lill-Madonna tas-Sokkors. Dak iż-żmien il-popolazzjoni ta' l-inħawi kienet tammonta għal madwar 1,200, iżda kienet għadha bla rettur. Hemm hekk kienu jsiru xi sagramenti iżda din il-komunita' wriet ix-xewqa li jkollha qassis sabiex jieħu ħsieb il-knisja u l-bżonnijiet spiritwali. Ix-xewqa ntlaqgħet fl-1585 b'Dun Salvino Burlo' isir l-ewwel qassis ta' din il-Komunita'. Fl-1586 il-belt ta' Bormla tnizzlet għand in-nutar Alban li kienet tpoġġiet taħt il-ħarsien ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Ta' min jgħid ukoll li qabel saret parroċċa, f'Bormla diġa' kienet twaqqfet il-Konfraternita' ta' l-Immakulata Kunċizzjoni.

Il-Knisja li oriġinarjament kienet iddedikata lill-Madonna tas-Sokkors mal-medda tas-snin tbiddlet sabiex setgħet taqdi l-ħtiġijiet tal-komunita' li kienet dejjem qed tikber. Minflok inbena santwarju mill-isbaħ ddedikat lil Marija Immakulta. Ta' min isemmi wkoll li din il-Parroċċa saret kolleġġjata fis-17 ta' Lulju 1822.

Meta qed nitkellmu fuq il-Knisja tal-Kunċizzjoni ta' Bormla ma nistgħux ma nsemmux l-istatwa titulari. Din l-istatwa kienet oriġinarjament maħduna fl-1680 u hija attribwita lil Sour Marija di

— Jissokta f'paġna 16 —

BGS BAJADA GENERAL STORE
TOOLS & EQUIPMENT FOR HIRE
Scaffoldings
Ladders
Staging
Trestles
Blow Lamps
Site Tools
Mixers
Road Cones
Welding Sets
Extensions
Jiggers
Drillers
Generators
Water Pumps
Air Compressors
Tile Cutters
Angle Grinders
Chasing Machines
Needle Guns
Joe Sciberras Street, Hamrun
☎ 246364 0947-1002, 0949 - 5419

ICE-CREAM CONFECTIONERY
Mannarinu
We specialize in
Take Away food
Pizza & Cheese
Cakes Daily
Shop:
P.P. Mifsud Str., Hamrun
(Near Church)
Tel: 238172
*Orders Accepted for:*
*Weddings, Baptisms, Staff Parties,*
*Engagements, Confirmations, Etc. Etc. ...*
*At moderate prices.*

## Kappelli u Knejjes ddedikati lill-Immakulata Kunċizzjoni

—-Jissokta minn paġna 14 —-

Domenico għalkemm sa issa għadu ma nstab l-ebda dokument. Din inħadmet minn biċċa zokk ta' ħarruba li jgħidu li fuqha kienet dehret il-Madonna. Iżda l-istatwa li nsibu llum m' għandha x'taqsam xejn ma' dik ta' Sour Marija, għaliex fl-1905 l-istatwarju Abram Gatt biddel totalment din l-Istatwa. Hu neħħa l-anġli, biddel il-panneġġ u l-qamar u ġiet ukoll miksija bil-fidda mid-Ditta Ant. Ghezzi e figli ta' Milan. L-Istatwa turi lill-Immakulata Kunċizzjoni b'rasha kemxejn inklinata u f'nofs raġġiera. Xi snin wara sar pedestall ġdid li jġib fuqu simboli ta' l-erba' evanġelisti u anki l-figuri ta' erba' profeti. Hemm skulturati wkoll l-armi ta' erba' Papiet. Dan il-Pedestall kien inġabar mill-Kononku Moretti.



Imbagħad sena wara, jiġifieri fl-1906 l-istatwa ġiet imżejna bi djamanti u ħaġar prezzjuż ieħor. L-istellarju ta' madwar rasha kif ukoll il-qamar ġew ukoll imżejna b'għadd kbir ta' djamanti. Fl-1921 is-serp inkesa bid-deheb, fil-waqt li l-libsa ta' l-Istatwa ġiet ukoll imżejna b'164 stilla tad-deheb. Dan kollu sar mill-arġentier Paolo Pace.

Ġojjel ieħor imprezzabbli f'dan is-Santwarju huwa bla ebda dubju l-Kwadru Titulari li huwa ddedikat lill-Immakulata Kunċizzjoni u li jinsab fil-parti ċentrali ta' din il-knisja fuq l-altar maġġur. Dan il-kwadru hu xogħol il-Pittur Pietru Pawl Caruana u jirraffigura lil Marija Immakulata qed tiġi inkurunata mill-Missier Alla. Taħt saqajha nsibu is-serp qed jiġi mgħaffeġ, filwaqt li madwar ix-xbieha ta' Marija hemm numru ta' puttini u figuri oħra qaddisa. Fuq nett hemm ħamiema li qed tirrappreżenta lill-Ispirtu s-Santu.

Dawn il-knejjes u kappelli huma xhieda tad-devozjoni li l-Poplu Malti sa minn dejjem kellu lejn Ommna Marija Immakulata. Filwaqt li juru l-fidi soda tal-Maltin lejn ir-reliġjon, dawn il-kappelli jiffurmaw ukoll parti mill-istorja reliġjuża u kulturali ta' pajjiżna.

**Ivan Bugeja.**

**KUMMISSJONI FESTA 1998-2000**

W.R. Kappillan: President

Membri: Charlie Zerafa, Albert Buttigieg, Randolf Scerri, Simon Zammit, Ivan Bugeja, Alfred Debono.

**Qaddes il-Festa lill-**
**Immakulata Kunċizzjoni**
**billi tersaq lejn is-sagramenti tal-**
**Qrar u Tqarbin**

DALLAS
GIFT SHOP
*Importers of*
CHANDELIERS, FURNITURE, CERAMICS
Qormi Road, Hamrun
Tel. 23 11 33

LEWIS MAGRI & SONS LTD.
TRANSPORT &
CUSTOMS CLEARANCE
INSURANCE AGENTS
TEL: 226106 FAX: 226108
MOBILE: 099 5286
163, VILLAMBROSA STREET,
HAMRUN HMR 10